MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Avviż dwar il-projbizzjoni taż-żrigħ tal-Patata ċertifikata għall-konsum uman bħala ikel minflok il-Patata taż-Żerriegħa Ċċertifikata**

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti u l-Malta Food Agency qegħdin iwasslu għall-attenzjoni tal-pubbliku in ġenerali u tal-operaturi kollha fis-settur tal-patata, liema settur għandu jitqies li jmur mill-importazzjoni sad-distribuzzjoni finali, li l-użu ta' patata ċertifikata għall-konsum uman bħala ikel, jew li mhix ċertifikata korrettament biex tintuża bħala żerriegħa skont il-liġi nazzjonali u, jew tal-UE, ma tistax tiġi importata u użata bħala żerriegħa f'Malta għax dan ikun bi ksur tal-liġijiet applikabbli u jikkomporta riskju fitosanitarju serju li jista' jikkompromettі s-settur tal-patata nnifsu, is-saħħa u l-kummerċjabilità tal-patata f'Malta u lil hinn minnha.

B'żieda ma' dan, iż-żewġ awtoritajiet qegħdin jagħmlu, u se jkunu qegħdin jagħmlu, użu mid-diskrezzjoni u l-poteri kollha li ttihom il-liġi biex jitwettaq bi sħiħ dan l-avviż u biex jiġi inforzat f'Malta. Kull ksur tal-liġi jiġi proċessat skont il-liġijiet ċivili, amministrattivi u, jew kriminali skont il-każ.

L-Malta Food Agency tfakkar ukoll li fil-Pitkalija ma jistgħux jiddaħħlu għall-bejgħ lill-bejjiegħa bl-imnut, u wisq aktar lil ħaddieħor, prodotti li mhux kultivati mill-bdiewa f'Malta.

L-10 ta' Settembru, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**Notice on the prohibition of the sowing of Ware Potatoes instead of Certified Seed Potatoes**

The Plant Protection Directorate and the Malta Food Agency are bringing to the attention of the general public and all operators in the potato sector, which sector should be considered from import to final distribution, that the use of potatoes certified as ware, or intended as food, or that are not correctly certified to be used as seed according to national and, or EU law, cannot be imported and used as seed in Malta because this it would be in violation of the applicable laws and entail a serious phytosanitary risk that could compromise the potato sector itself and the health and marketability of potatoes in Malta and beyond.

In addition to this, the two entities are making use at their discretion of the powers given to them by law to carry out this notice in full and to enforce it in Malta. Any violation of the law will be processed according to the civil, administrative and, or criminal laws as the case may be.

The Malta Food Agency also reminds that products that are not cultivated by farmers in Malta cannot be brought in the Pitkalija for sale to retailers, and much less to others.

10th September, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Reġistrazzjoni ta' Konsulenti għall-Provvista ta' Servizz ta' Konsulenza Relatati ma' l-Iżvilupp tan-Negozju fl-Agrikoltura**

AgriConnect tinsab fil-proċess li testendi s-servizzi tagħha għal dawk eżistenti billi toffri l-appoġġ meħtieġ lill-bdiewa u r-raħħala biex itejbu n-negozju tagħhom. Element ewlieni huwa l-iżvilupp ta' Pjan tan-Negozju u/jew Reviżjoni tal-Proċess u s-Sistemi li jivvaluta s-sitwazzjoni attwali tal-applikant u jipproġetta xenarji dwar kif jista' jtejjeb il-produzzjoni tal-bidwi jew raħħal.

Id-Direttorat tal-Agrikoltura qed jistieden applikazzjonijiet għall-għoti ta' servizzi ta' konsulenza relatati mal-iżvilupp tan-negozju fl-agrikoltura.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jidħlu fuq (https://ruralaffairs.gov.mt/rizorsi/sejhiet-ghall-pubbliku/) biex jaċċessaw id-dokumentazzjoni kollha rilevanti.

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**Registration of Advisers for the Provision of Advisory Service Related to Business Development in Agriculture**

AgriConnect is in the process of extending its services to the existing ones by offering the necessary support to farmers to improve their business. A key element is the development of a Business Plan and/or Process and Systems Review that assesses the current situation of the applicant and projects scenarios on how to improve the output of the farmer.

The Agriculture Directorate is inviting applications for the provision of advisory services related to business development in agriculture.

Interested stakeholders are invited to log on (https://ruralaffairs.gov.mt/rizorsi/sejhiet-ghall-pubbliku/) to access all relevant documentation.